

Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (il-Belġju) fid-9 ta' Mejju 2018 – Terre wallonne ASBL vs Région wallonne

(Kawża C-321/18)

(2018/C 259/39)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Terre wallonne ASBL

Konvenut: Région wallonne

Domandi preliminari

- 1) Digriet li permezz tiegħu korp ta' Stat Membru jistabbilixxi l-għanijiet ta' konservazzjoni għan-netwerk Natura 2000, skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-*habitat* naturali u tal-fawna u l-flora selvaggja ⁽¹⁾, jikkostitwixxi pjan jew programm fis-sens tad-Direttiva 2001/42/KE dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent ⁽²⁾, u speċifikament fis-sens tal-Artikolu 3(2)(a) jew fis-sens tal-Artikolu 3(4) tal-imsemmija direttiva?
- 2) Fil-każ ta' risposta affermativa, tali digriet għandu jkun is-suġġett ta' evalwazzjoni ambjentali skont id-Direttiva 2001/42 filwaqt li tali evalwazzjoni ma hijiex meħtieġa skont id-Direttiva 92/43/KEE li abbażi tagħha ġie adottat id-digriet?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102.

⁽²⁾ Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 157).

Appell ippreżentat fil-25 ta' Mejju 2018 minn Caviro Distillerie Srl, Distillerie Bonollo SpA, Distillerie Mazzari SpA u Industria Chimica Valenzana (ICV) SpA mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) fil-15 ta' Marzu 2018 fil-Kawża T-211/16, Caviro Distillerie et vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-345/18 P)

(2018/C 259/40)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Caviro Distillerie Srl, Distillerie Bonollo SpA, Distillerie Mazzari SpA u Industria Chimica Valenzana (ICV) SpA (rappreżentant: R. MacLean, Solicitor)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħgħobha:

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali sa fejn wettqet żball billi ssostitwiet b'mod żbaljat ir-raġunament tagħha stess meta evalwat it-tieni motiv fir-rikors tal-appellanti;
- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali peress li manifestament għamlet distorsjoni tal-provi prodotti fir-rigward tal-evoluzzjoni u s-sitwazzjoni finali tal-parti mis-suq tal-industrija tal-Unjoni;